**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Jannar, 2025**

Numru 1

**Rikors Nru. 120/2020**

**Nutar Dr Dorian Sciberras**

**vs**

**Josef Masini Vento**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul min Josef Masini Vento wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta' Lulju 2024 fejn laqghet it-talbiet attrici;

Rat ir-risposta tar-ritrattat li sostna li r-ritrattazzjoni kellha tigi michuda;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**

Din hi sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni maghmula minn Josef Masini Vento taht l-artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12 sabiex jinstema mill-gdid l-appell li gie maqtugh minn din il-Qorti b'sentenza moghtija fl-14 ta' Settembru 2022, wara li tigi mhassra l-istess sentenza.

L-appell li wassal ghal din it-talba gie in segwitu ghal decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-20 ta' Novembru 2023 fejn dik il-Qorti sabet lil konvenut mhux responsabbli ta' libell u malafama wara kummenti f'post pubbliku fil-grupp 'Notories of Malta' fuq is-sit socjali Facebook tal-15 ta' Lulju 2020. Dik il-Qorti qieset li l-kummenti kienu jikkostitwixxu opinjoni onesta kif trid il-ligi bhala eccezzjoni ghax-xilja ta' malafama u cahdet it-talba attrici.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-17 ta' Lulju 2024 irrevokat dik is-sentenza u sabet li l-istqarrija li saret mill-konvenut ma kinitx opinjoni onesta izda opinjoni bhala stat ta' fatt intiza biex taghmel hsara lir-reputazzjoni tal-attur.

Il-konvenut ritrattand jibbaza t-talba tieghu principalment fuq zewg brani mehuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri li jqishom li jikkostitwixxu applikazzjoni hazina tal-ligi (artikolu 811(e) Kap. 12) u sentenza moghtija b'effett ta' zball (artikolu 811(l) Kap. 12).

Il-brani huma is-segwenti:

> Il-Qorti tqis li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, li l-*post* in kwistjoni li l-appellat tella' fuq il-paġna ta' Facebook *'Notaries in Malta',* tammonta għal opinjoni onesta tiegħu, ma treġix. [ommissis]... l-istqarrija tal-appellat ġiet ippreżentata bħala stat ta' fatt, u mhux bħala opinjoni onesta tiegħu. [ommissis]... id-distinzjoni bejn espressjoni ta' opinjoni u espressjoni ta' fatt, taf tkun waħda neboluża, [ommissis]... l-unika sentenza li tista' tiġi interpretata bħala espressjoni ta' opinjoni fil-kitba tal-appellat, hija l-frażi *"[k]ont nistenna aħjar min-Nutar Dorian Sciberras"*, minkejja li dik il-frażi hija biss parti żgħira f'paragrafu [ommissis]... Din il-Qorti taqbel mal-appellant, li d-dikjarazzjoni tal-appellat permezz tal-*post* in kwistjoni, mhijiex ippreżentata bħala opinjoni tiegħu, iżda hija ppreżentata bħala fatt li jammonta għal aġir illegali u li jixbaħ l-operat tal-Mafja, anzi skont l-appellat huwa*"il-Veru Mafja"* [pagna 30-31].
>
> L-appellant jgħid ukoll li l-appellat kellu jressaq l-aqwa prova, u l-istqarrija tal-opinjoni espressa m'hemmx għalfejn tkun fattwalment korretta, iżda trid tkun ibbażata fuq fatti eżistenti. Il-Qorti diġà spjegat ir-raġunijiet għalfejn il-*post* in kwistjoni tal-appellat, m'għandhiex titqies bħala opinjoni, iżda bħala stqarrija li ġiet ippreżentata bħala stat ta' fatt li tressaq għall-attenzjoni tan-nutara membri tal-grupp tal-Facebook *'Notaries in Malta',* bl-intenzjoni ċara li jittieħdu passi dixxiplinarji mill-korp professjonali li jirregola lin-Nutara, u/jew li jesponi lill-appellant għar-redikolu tal-kollegi sħabu.

Ir-ritrattand icanfar lil Qorti tal-Appell li skartat dak kollu kunsidrat mill-ewwel Qorti u qieset li l-kummenti ma kienux opinjoni onesta izda motivata biex tirridikola l-attur u naqset li timmotiva r-raguni u qalet li l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jittiehdu passi dixxiplinari kontra l-attur minghajr dan ma jirrizulta minn imkien. Il-Qorti tal-Appell kuntrarjament ghall-ewwel Qorti u dan bla gustifikazzjoni sabet li l-konvenut kien nieqes mill-buona fede. Mhux hekk biss izda dahlet f'kontradizzjoni meta qalet li r-ritrattand kellu kull dritt jesprimi opinjoni imma ma kellux dritt jipprezenta l-opinjoni tieghu bhala stat ta' fatt. Il-fatti wrew li l-opinjoni kienet wahda onesta li fil-proceduri giet pruvata veritiera. Il-fatt li l-attur gie ippruvat li kellu diversi konvenji mressqa mill-kuntrattur Mercieca wrew li l-opinjoni espressa hi wahda vera u genwina u turi kolluzjoni. Ghalhekk intuzaw kliem bhal 'mafia' jew 'hmieg tal-hbieb' li bhala kliem ta' tghajjir ghal certu agir ma jikkostitwix malafama.

Ir-ritrattand sostna li l-kummenti tieghu bhala opinjoni onesta kienu jidhlu kexxun fl-artikolu 4(2) tal-Kap. 579 u jispjega kif il-kummenti u d-difiza tieghu kienu jissodisfaw l-elementi kollha rikjesti mill-ligi. Jinsisti li mhux mistenni li l-verita tal-fatti tigi pruvata imma l-obbligu hu li jintwera li l-kumment hu xprunat minn fatti sostanzjalment veri, hekk kif sostniet li gie pruvat quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti irriteniet li l-konvenut ghamel stqarrijiet b'fondament fattwali ippruvat u ghalhekk l-opinjoni ta' kolluzjoni, fottiment huma ragonevoli li persuna onesta tista' tasal ghalihom.

Wara dawn is-sottomissjonijiet kollha r-ritrattand jispjega l-pozizzjoni legali kif gej:

> L-esponenti jsostni illi l-gudikant ikkommetta zball meta evalwa l-fatti li mbaghad inducewh biex jivvaluta skorrettement il-provi. L-esponenti jirrileva illi mid-dokumenti esebiti ma hemm xejn li setgha b'xi mod jinduci lill-Qorti tivvaluta l-materja minn ottika differenti minn dak li jirrizulta mill-kawza.
>
> Issir referenza ghal dan li gej: "Si richiede che il fatto non abbia costituito un punto controverso fra le parti e deciso nella sentenza, poiche se le parti avessero trattato di quel punto di fatto come di mezzo od argomento di azione o di difesa e la impugnata sentenza contenesse menzione del punto controverso ed avesso accolto o rigettato quel mezzo od argomento non si potrebbe piu' ritenere che il

fatto fosse passato immune da controversia ne che lo stesso non sia stato avvertito dal giudice" ("Alessandro Gauci -vs- P.L. Costantino Fenech", Appell Civili, 17 ta' Novembru 1920; "Maria Concetta Vella -vs- Federico Galea noe", Appell, 20 ta' Novembru 1998).

Ghal precizazzjoni tal-punt ta' dritt f'dan il-kuntest gie rilevat ukoll illi "non fornisce motivo di ritrattazione secondo la legge l'errore che si manifesta, o si crede esistere nei criteri e nei caratteri coi quali stato appreso dal giudicante, poiche l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindicabile convincimento del giudice: ("Giuseppe Luigi Bonnici -vs- Dottore Carlo Galea Naudi", Appell Civili, 3 ta' April 1922. Ara wkoll decizjonijiet fl-ismijiet "Isidoro Agius -vs- Giuseppa Bugeja et", Appell, 13 ta' Gunju 1995; "Pio Vassallo -vs- Emanuel Chetcuti et", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "Ganni Borg -vs- Paul Borg", Appell, 7 ta' April 1998.

L-izball irid ikun wiehed materjali. "Billi l-argumentazzjoni kontentuta fis-sentenza tindika li kieku l-Qorti m'ghamlitx dak l-izball xorta wahda kienet tasal ghall-istess decizjoni, dak l-izball m'ghandux ir-rekwiziti essenzjali, skont il-ligi, sabiex fuqu tkun ibbazata r-ritrattazzjoni tal-kawza" ("L-Avukat Dr Jose' Herrera noe et -vs- Tancred Tabone et noe et", Appell, 15 ta' Marzu 1996).

Din il-Qorti tqis li r-ritrattand ma ghandux ragun fit-talba tieghu.

**Artikolu 811(e) zball ta' ligi**

Din il-Qorti tqis li bhala punt ta' tluq, talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor (ara **Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Ghalhekk, biex tinghata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-qorti applikat il-ligi l-hazina fis-sentenza attakkata. Huwa minhabba f'hekk ukoll li l-ligi fl-artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta trid li min jitlob is-smigh mill-gdid ta' kawza jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-ligi t-tajba li suppost giet applikata (ara **Joseph Spiteri et vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

Is-sentenza ghandha tithassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-ligi hazin izda meta tapplika ligi flok ohra li tghodd ghall-kaz, i.e. mhux ghax tkun applikat hazin il-ligi applikabbli izda ghax tkun applikat il-ligi l-

hazina. Fi kliem iehor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-ligi hazina meta l-qorti tkun applikat b'mod hazin il-ligi t-tajba li kienet tghodd ghall-kaz (ara **Francesco Saverio Borg vs Joseph Mallia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh li biex jista' jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal- ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara **Paul Piscopo et vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

Thares mnejn thares lejh dan l-aggravju jibqa' l-fatt illi dak li qed jattakka r-ritrattand hu l-manjiera li bih il-Qorti tal-Appell applikat il-ligi t-tajba, cioe l-artikolu 4(2) tal-Kap. 579 ghall-kummenti li saru mir-ritrattand fuq il-pagna tal-Facebook in kwistjoni. Hemm divergenza bejn dak li l-ewwel Qorti qieset bhala opinjoni onesta u dak li qieset il-Qorti tal-Appell minn qari tal-istess Facebook post. L-interpretazzjoni tal-post mhix sindikabbli minn din il-Qorti fil-fazi ta' ritrattazzjoni. Dan sar quddiem il-Qorti tal-Appell u ma jezisti ebda appell minn appell. Qari tar-rikors ta' ritrattazzjoni hu kritika kontinwa ta' kif il-Qorti tal-Appell interpretat ic-cirkostanzi u l-provi li jduru mal-'post' li wassal ghal kawza. Fuq din il-bazi ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

**Artikolu 811(l) zball ta' fatt**

Bhala punt ta' tluq dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok ghar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

L-izball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza, li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan mhuwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant (ara **Josephine Camilleri et vs Joseph**

**Camilleri**, Appell Superjuri tas-26 ta' Marzu, 2021). Fi kliem aktar hafif, irid jintwera li l-izball ikun wiehed materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni (ara **Gourmet Company Limited et vs Mariano Vella**, Appell Superjuri tat-28 ta' Jannar, 2005).

Kif tajjeb poggietha din il-Qorti fis-sentenza taghha **Mare Blu Tuna Farm Limited vs Dr. Louis Cassar Pullicino nomine** deciza fl-4 ta' Ottubru, 2010 irid, "ikun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika, cioè li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih, u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost zbaljat*.*"

Hawn ukoll it-talba tar-ritrattand tfalli. Il-Qorti tal-Appell ghazlet li taghti importanza aktar ghal certu provi minn ohra u rathom f'dawl differenti minn dak kif rathom l-ewwel Qorti. Ma kien hemm ebda zball materjali fuq fatt pruvat li wassal ghad-decizjoni zbaljata fuq dak il-fatt. Il-provi kienu li kienu, u l-ewwel Qorti u mbaghad il-Qorti tal-Appell kellha s-setgha li taghti l-isfumatura li dehrilha l-aktar legalment gusta ghal ezitu tal-kwistjoni. Dan ma jikkostitwix zball ta' fatt kif irid b'mod eccezzjonali l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 li ta' min jiftakar hu rimedju eccezzjonali mhux skuza li jsir tentattiv u appell iehor. Tista' taqbel jew ma taqbilx mas-sentenza izda dik mhix raguni valida ghal din il-procedura singolari fil-Kodici taghna.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-ritrattand ghat-thassir tas-sentenza appellata fl-ismiijiet premessi tas-17 ta' Lulju 2024, bl-ispejjez ghar-ritrattand.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur